*Kunsill Lokali Marsaskala*
Ġnien Sant'Anna, Pjazza Dun Tarċis Aguis, Marsaskala
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaskala**

**ID-DISA` LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 12**

**L-Erbgħa 14 ta' Mejju 2025.**

Il-Kunsill Lokali Marsaskala għamel din is-seduta ġewwa l-uffiċini tal-Kunsill fis-6.00 ta' filgħaxija u mxandra fuq il-website tal-Kunsill.

**PREZENTI:**

Mario Calleja – Sindku

Beverly Saliba – Kunsillier
Charlot Mifsud – Kunsillier
Errol Cutajar – Kunsillier
Celine Camilleri – Kunsillier
Francis Gilford – Kunsillier
Jesmond Abela - Kunsillier
Mary Rose Mifsud- Kunsillier
John Baptist Camilleri- Kunsillier
Janice Falzon – Viċi Sindku

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**
Patrick Camilleri-Kunsillier

**ASSENTI:**

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

Josef Grech – Segretarju Eżekuttiv

**12.1** ***Qari t'aploġija:***

Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Dr Patrick Camilleri.

**12.2** ***Kunsiderazzjoni u Approvazjoni tal-Minuti: Laqgħa 11 li saret Nhar it-Tlieta 15 ta' April 2025:***

12.2.1.1 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li paġna 4 paragrafu 11.2.2.12 għandu jinbidel u jinqara kif ġej:

*Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 8 artiklu 10.9.3 fejn staqsa jekk bgħatnix rikjesta lil KOPTASIN sabiex isiru road markings neċessarji fi Triq iz-Zonqor.*

12.2.1.2 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud talab biex paġna 6 paragrafu 11.3.4 l-ewwel sentenza għanda tinbidel u tinqara kif ġejja:

*Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi TM ma aċċettawx però bgħatulna soluzzjonijiet oħra li nistgħu ngħamlu.*

12.2.1.3 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud talab biex paġna 10 paragrafu 11.7.9 għanda tinbidel u tinqara hemm kif ġej:

*L-egħluq tas-sottomissjonijiet għalaq u għaldaqstant il-kunsill ma setax jissottometti kummenti.*

**Il-minuti ġew unanimament approvati u ffirmati hekk kif emendati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

Il-Kunsillier is-Sur Francis Gilford ippropona l-approvazzjoni tal-minuti bħala dokument korrett u ssekonda l-Kunsillier is-Sur John B Camilleri. Il-votazzjoni kienet 8 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni.

12.2.2 **Matters Arising tal-Minuti: Laqgħa 11 li saret Nhar it-Tlieta 15 ta' April 2025:**

12.2.2.1 Is-Sindku tkellem fuq paġna 3 artiklu 11.2.2.4 fejn qal li l-ħaxix qed jinqata min-naħa tal-Kunsill ta Ħaż Żabbar.

12.2.2.2 Is-Sindku tkellem fuq paġna 3 artiklu 11.2.2.6 fejn qal ix-xogħol fi Triq is-Silla miexi sew.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li kien hemm xi problema fuq id-*drains* u anke ilmentaw l-anzjani illi l-bankina ġiet b'ħafna *dropping kerb* ġo fiha

12.2.2.3 Is-Sindku tkellem fuq paġna 3 artiklu 11.2.2.8 fejn qal li l-istruttura tal-bandli saret mil-kuntrattur Mario Mallia.

12.2.2.4 Is-Sindku tkellem fuq paġna 4 artiklu 11.2.2.11 staqsa jekk iż-żebgħa anti slip pruvajnijiex fuq il-bankina.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li ordnaw u qed jistennewa li jġibuha.

12.2.2.5 Is-Sindku tkellem fuq paġna 4 artiklu 11.2.2.17 fejn kjarifika illi d-*donation* tal-*filming* ta' €800 huwa għal *filming* ta' ħdejn il-Jerma għadu ser jsir mentri it-tnejn l-oħra saru.

12.2.2.6 Is-Sindku tkellem fuq paġna 8 artiklu 11.7.3 fejn qal li għandu laqgħa online nhar il-ġimgħa f'nofs in nhar minħabba l-għeluq tat-triq tax-xatt iżda ser isostni li Triq Sant Anna tiġi two way.

12.2.2.7 Is-Sindku tkellem fuq paġna 9 artiklu 11.7.4 fejn għarraf lil Kunsilliera illi jekk jibbukkjaw mejda jkunu qed jgħinu fir-rigward tal-attivita li ser issir b'risq il-Peru.

12.2.2.8 Is-Sindku tkellem fuq paġna 10 artiklu 11.9.2 fejn staqsa jekk l-applikazzjoni għal *camera* biex ma jgħaddux vetturi goffi saritx tat-TMalta.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi l-ewwel irridu naraw jekk kienx hemm approvazzjoni tat-tabelli, iridu naraw ukoll jekk it-tabelli mhumiex tajbin u jekk ikolna l-approvazjoni minn TMalta umbgħad nkunu nistgħu ninstallaw camera.

12.2.2.9 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 5 paragrafu 11.3.2 fejn qal li prova jidħol laqgħa tal-Planning fir-rigward tal-applikazzjoni fi Triq San Ġwakkin iżda ma rnexxilux. Ġie rrimarkat li kien preżenti l-Kunsillier Dr. Patrick Camilleri u li l-applikazzjoni ġiet sospiża.

Is-Sindku qal li ġiet diferita.

- ***Il-Kunsillier is-Sinjura Maryrose Mifsud daħlet għal laqgħa fis-6.20pm***

12.2.2.10 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 6 paragrafu 11.3.6 fejn reġa staqsa jekk jaqblux li fil-*clean up* jiġu jgħinuna assoċjazzjoni Indjana fejn ġieli għamilna *clean up* flimkien u kienet suċċess.

Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li ħdejn is-*salt pans* faċċata ta Triq il-Melħ hemm ħafna ħmieġ.

Kien hemm qbil li ninfurmaw lil *beachcleaners.*

12.2.2.11 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 11 paragrafu 11.9.4 rigward refurbishment tal-latrina ta' taħt il-knisja fejn qal li ltaqa ma żewġ kuntratturi fejn ser jgħamlu ix-xogħol kollu huma iżda mhux inkluż xiri ta madum u *sanitary ware*. Huwa kompla jgħid li jekk forsi l-ispiża tkun sostanzjali naraw nistgħux napplikaw għal fondi tal-UIF

12.2.2.12 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 11 paragrafu 11.9.5 fejn qal li l-arbli tad-dawl ser jibdew jinqalgħu l-ġimgħa d-dieħla għaliex hemm ħafna *issues* anke fi Triq ix-Xatt.

Il-Kunsillier is-Sinjura Beverly Saliba staqsiet jekk nistgħux inżiedu id-dawl fi Ġnien San Tumas.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li hemmek hemm il-problemi fid-dawl għaliex minn 5 *circuits* 3 minnhom qed jitripjaw. Huwa spjega li dawk kienu diġà inbidlu.

Kien hemm qbil li temporanjament ngħamlu żewġ *reflectors* sakemm ma jkunx hemm problemi ma tal-villel.

12.2.2.13 Il-Kunsillier is-Sinjorina Celine Camilleri tkelmet fuq paġna 4 paragrafu 11.2.2.13 staqsiet jekk intbgħatietx.

In-no objection mill-Kunsill lill-persuna li ser tagħmel ix-xogħol biex tbiddel telephone box għal librerija.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġiba li nbgħatet u kemm nibgħatu l-ittra uffiċjali ukoll.

12.2.2.14 Il-Kunsillier is-Sinjorina Celine Camilleri tkelmet fuq paġna 5 paragrafu 11.3.3 fejn qalet li din għaddiet però kienet għaddiet l-informazzjoni.

12.2.2.15 Il-Kunsillier is-Sinjorina Celine Camilleri tkelmet fuq paġna 11 paragrafu 11.9.4 fejn qalet li l-latrini qed jkunu ħafna maħmuġin għaliex ħmieġ qed ikun hemm akkumilat u anke għanqbut hemm.

Il-Kunsillier is-Sinjura Beverly Saliba qalet u ta' ħdejn il-Jerma qed titħalla maħmuġa
Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li għandna nqabdu lil Contracts Manager sabiex tgħamel rapport.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ser jdaħħal lil Kunsilliera fil-whats up chats.

➢ ***Il-Viċi Sindku daħlet għal laqgħa fis-6.40pm***

12.2.2.16 Il-Kunsillier is-Sinjura Beverly Saliba tkellmet fuq paġna 5 paragrafu 11.3.2 fejn qalet illi t-talba għal imwejjed u siġġijiet ġiet miċħuda lil PL Club Marsaskala.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-prassi illum hija li meta stabilment jkun jrid japplika għal mwejjed u siġġijiet fuq art pubblika jrid jqabbad Perit u japplika Planning Authority fejn min-naħa taghom umbgħad jirreferu għal Lands u l-MTA.

12.2.2.17 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 3 paragrafu 11.2.2.5 fejn staqsa jekk bgħatniex il-*works order* lil kuntrattur tagħna biex tinbidel il-kumplament tal-bankina fi Triq iż-Żonqor.

Kien hemm diskuzzjoni illi bħala bankina ma hemmx biċċa żgħira u allura jrid jiġi iċċarat kemm hemm metri.

Kien hemm qbil li jmur jiċċekkja is-Segretarju Eżekuttiv.

12.2.2.18 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 4 paragrafu 11.2.2.14 jekk applikajniex biex jinżergħu siġar ġodda fil-konok ta' Triq il-Blajjiet.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu li applikajna *Project Green*.

12.2.2.19 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 10 paragrafu 11.9.3 staqsa meta ser jsir patching fi Triq La Sengle.

Is-Sindku spejga li din kienet fuq *patching* li ser jsir mill-kuntrattur tagħna, fejn ukoll ġibed l-attenzjoni illi qed tkun diffiċli biex ikun jista jaqbdu.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġebi li kull meta l-kuntrattur ma jaqbdux aħjar jibgħatlu messaġġ umbgħad jirrispondih.

Id-diskussjoni tkompliet u kien hemm qbil li niktbu lis-CEO Steve Ellul sabiex jgħatina skeda ta meta ser issir Triq La Sengle u Triq Sant Anna.

12.3 **Komunikazzjoni mis-Sindku:**

12.3.1 **Bżonn ta xogħol addizzjonali ta' tindif fil-*promenade* (35/1246/25/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-kuntratt tagħna mal-*cleansing* jkopri mit-tnejn sas-sibt mil-bidu ta' Ġunju ser jkollna bżonn 3 kennies biex inaddfu l-*promenade* u ser jibdew kmieni fil-5am bħala *extra works*.

Il-Kunsill qabel dwar dan.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri ġibed l-attenzjoni li l-ħaxix minn fuq il-bankina jrid jinqata ukoll kullimkien.

Kien hemm qbil li niġbdulhom l-attenzjoni.

12.3.2 **Salt Pans**

Il-Kunsillier is-Sinjura Beverly Saliba staqsiet jekk qatt għamilna xi talba lis-Supretindent tal-Cultural Heritage sabiex nipproteġu s-Salini għaliex huma Wirt Nazzjonali

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li nistgħu nitolbu li jiġu skedati fejn qal li ngħamlu site plan għaliex hemm 3 postijiet fejn hemm is-salini u nissottomettu it-talba lill-Planning Authority.

12.3.3 **Survey Triq il-Qaliet:**

Il-Kunsillier is-Sur Francis Gilford staqsa fejn wasalna fuq Triq il-Qaliet fuq is-survey li għamilna.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li aħna konna għamilna is-survey u għaddejnih lil Perit ta' TMalta sabiex jiġu mplimentati *traffic calming measures*.

Is-Sindku qal li l-Kunsillier is-Sur John B Camilleri kien kellem lil Perit Vassallo.

12.3.4 **Skart fil-Bandli Pjazza Mifsud Bonnici:**

Il-Kunsillier is-Sinjura Beverly Saliba qalet li għalkemm in-nies u anke tan-negozju qed jikkoperaw biex jarmu l-iskart ġol kontenituri imma qed ifuru malajar u qalet illi l-Imġarr Gozo hemm kontenituri kbar tal-injam u l-ideja hija tajba għaliex jesa ħafna skart.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li anke is-*soft area* qed tkun ħafna maħmuġa għaliex mill-ġimgħa sat-tnejn tilħaq titħammaġ ħafna, speċjalment il-Ħdud.

12.3.5 **Skema minn Pjazza għal Pjazza**

Il-Kunsillier is-Sinjura Beverly Saliba qalet li l-ġimgħa l-oħra ħarġet skema minn Pjazza għal Pjazza u kull ma kien hemm ċans biex napplikaw kienet ġimgħa biss fejn inaqdet mal-kumitata tal-Bajja San Tumas u ser issir attivita kulturali fejn jiffukaw fuq id-djalett

12.3.6 **Sotto Kumitat Arti**

Il-Kunsillier is-Sinjura Beverly Saliba qalet li dan is-sotto kumitat kien issuġerixxa sabiex insibu post għal workshops tal-arti fuq pittura u sabu Torri Mamo minn nofs Ottubru kull nhar ta' Sibt u ser jgħatu donazzjoni ta' €2 minn kull artist.

12.3.7 **Simpożju:**

Il-Kunsillier is-Sinjura Beverly Saliba qalet illi dan ser jsir Dar Frate Jacoba.

12.3.8 **Trophies għal Marsaskala Football Clubs:**

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qal li kellu talba mir-rappreżentanti tal-Marsaskala Football Club sabiex nisponserjawhom it-trophies imma peress li aħna ngħinuhom finazjarjament b'diversi metodi oħra talab lil Kunsilliera sabiex minn ikun jistgħa jgħin.

12.3.9 **Dawl fi Ġnien San Anna**

Il-Kunsillir is-Sur John B Camilleri qal li l-ewwel bidla għamilnija ta 25 bolard bid-dawl u issa nistgħu nordnaw 25 oħra.

Kien hemm qbil dwar dan.

Huwa kompla jispjega illi qed jgħaddu ukoll dawl fil-ħajt.

12.4 ***Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillier:***

12.4.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet

**12.5** ***Rapporti:***

**12.5.1** **Approvazzjoni tal-Financial Statements għas-sena 2024 kif aġġustati mill-Awdituri**

Is-Segreatrju Eżekuttiv spjega il-financial statements għas-sena 2024 kif aġġustati mill-Awdituri.

Is-Sindku propona l-approvazzjoni tal-Audited and adjusted financial statements għas-sena finanzjarja 2024 u l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud issekonda. Il-votazzjoni kienet 10 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni.

**12.6** ***Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa:***

Ma kienx hemm items oħra

**12.7** ***Korrispondenza:***

**12.7.1** **CSR Collaboration- Refurbishment of sports facilities in Malta (35/1152/25/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi għalkemm inbidel xi appart fil-bandli fi Pjazza Mifsud Bonnici it-tapit jrid jinbidel kollhu u l-Kumpanija Altenar Ltd li hija kumpanija ta software qed jikkunsidraw li jkompru l-ispejjeż fejn dawn jammontaw għal madwar €88,000 u bil-*contingency* tiġi tiswa fuq il-€100,000 fejn jekk jintlaħaq dan il-ftehim għandna issir ċerimonja u anke jgħamlu l-avviż tgħahom fis-6 *street furniture* l-iktar prominenti li għandna għal sentejn.

Huwa kompla jispjega li sal-aħħar ta Mejju ser jgħatuna risposta.

**12.7.2** **Local Council armoury no objection (35/1205/25/O)**

Is-Sindku informa lil Kunsilliera illi ser jsir filming *Has Fallen 2* fit-28 u 31 ta'Mejju u ser jgħatuna donazzjoni ta €800.

Kien hemm qbil dwar dan.

12.7.3 **<u>SPI.SCI.02.2025 Applikazzjoni skema għall attivitajiet kulturali 2025.2026 (35/1106/25/I)</u>**

Il-Kunsill qabel li issir Festa Melħ fl-24 ta' Mejju 2026 għal budget ta' €16,108.

12.7.4 **<u>Organization of a xcountry triathlon event for kids and youths (35/1083/25/I):</u>**

Kien hemm qbil li ssir din l-attivita.

12.7.5 **<u>Marsaskala renewal for Services from the notebook centre (35/1024/25/I):</u>**

Kien hemm qbil unanimu li dan is-servizz jerġa jsir sabiex ir-residenti jsewwu l-pc's u laptop b'xejn u nitolbuh jibgħatilna rendikont kull xahar.

12.7.6 **<u>Innovative Training Projects by TCTC Malta for your Community:</u>**

Il-Kunsill iddiskuta l-problema li bħala *training centre* qed inkun hemm ħafna korsijiet u servizzi differenti għaddejin u ma hemmx ġranet *available* biex isir.

Il-Kunsill qabel li jekk TCTC jaqbel dan il-kors isir għandhom jew Fgura jew Paola u nitolbuh ukoll jiġi jżarma il-*computres* li għandu fil-preżent.

12.7.7 **<u>PQ27920 Wied il-Għajn Siġar taż-Żebbuġ (35/1188/25/O)</u>**

Il-Kunsill iddiskuta din il-PQ u qabel illi is-siġar taż-żebbuġ jiġu numerati u anke issir attività sabiex jinqata ż-żebbuġ u anke jġibu lil xi ħadd jati demonistrazzjoni kif jinqata iż-żebbuġ.

Il-Kunsillier is-Sinjura Maryrose Mifsud qalet li nistgħu niċċekkjaw jekk nistgħawx napplika għal xi skema għaliex teżisti għal minn ikollu ammont ta' siġar taż-żebbuġ.

12.7.8 **<u>Marsaskala Renewal (35/1192/25/I)</u>**

Din ġiet irtirata għaliex diġà ġiet diskussa.

12.8 ***<u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti Nru 12:</u>***

12.8.1 ***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ipprona l-approvazzjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier Dr Errol Cutajar issekonda. Il-votazzjoni kienet 10 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni***

12.9 ***<u>Mozzjonijiet:</u>***

12.9.1 **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier – is-Sur John B Camilleri u issekondata mill-Kunsillier Dr Errol Cutajar (Nru 042-8/5/25)</u>**

*''Jipproponi sabiex fi Triq Guze Pesci k/m Triq il-Friefet issir rampa fil-kantuniera għax il-bankina għolja u ma fijiex dips fuq iż-żewġ naħat. Dan huwa detriment għall minn ikun bil wheel chair jew push chair.*

Kien hemm qbil dwar dan

12.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fit-8.00pm. Il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser issir Nhar l-Erbgħa 25 ta' Ġunju 2025 fis-6.00pm.

Ikkonfermat illum 14 ta' Mejju 2025.

Ifffirmat | Iffirmat
---|---
______________ | ________________
**Josef Grech** | **Mario Calleja**
**Segretarju Ezekuttiv** | **Sindku**